# 400 mitt sena ilu
# "Il-Kwadru tax-Xbieha tal-Madonna Mirakuluża msejjaħ tal-Morda"
## gie mogħti lil Kunvent



**Il-Kwadru mirakuluż tal-morda.**

Fost il-ħwejjeġ prezzjużi li jinsabu fil-Bażilika Santwarju tal-Karmnu, l-iktar li tolqotna, hija l-Madonna Mirakuluża, li tiġi meħuda għand il-morda. Din hija Xbieha tal-Madonna tal-Karmnu fi gwarniċ tal-fidda mżewwaq b'xi ornamenti, ta' għamla tonda u żgħira. Ix-Xbieba fiha xi pied tul u xi ħaga anqas fil-wisgħa. Hija pittura antika ħafna, u ma nafux l-isem ta' l-awtur.

Jista' jkun, li l-Patrijiet Karmelitani, dan il-kwadru ġiebuh magħhom minn Sqallija meta ġew hawn Malta, bħalma kważi dejjem kienu jagħmlu meta kienu jmorru f'xi pajjiż ġdid; hekk jaħsbu x'wħud. Iżda jiena tal-fehma, li dan il-kwadru antik u mirakuluż, kienet tatu lill-Patrijiet Karmelitani tal-Belt, Valletta, ċerta mara twajba jisimha Cassandra Rodudena. Din il-virtuża mara, Terzjarja Karmelitana, **fis-17 ta' Ottubru tas-sena 1589**, għamlet it-testament, fejn fost l-affarijiet li ħalliet lill-kunvent tal-Karmnu tal-Belt, ħallietlu wkoll xbieha żgħira tal-Beatissima Verġni Marija, pinġuta bil-gwarniċ tal-fidda, li hija antika, u għaż^ża ħafna, biex titqiegħed fl-altar ta' l-Ispirtu Santu. (1) Minn dan malajr nifhmu li l-kwadru fis-sena 1589, kien diġà antik u għażiż ħafna.

Din ix-Xbieha tal-Madonna qiegħda fi speċi ta' niċċa jew kaxxa tal-fidda kbira. Il-kaxxa saret mill-fided tal-wegħdi li kienu jinsabu fid-depositu; fit-8 ta' Jannar tas-sena 1783 l-ispejjeż tal-fattura, ħallashom il-Baruni Alessandro D'Amico. (2)

Il-Madonna minn din ix-Xbieha għażiża, ferrxet kotra kbira ta' grazzji, sew temporali ta' fejqan minn mard l-iżjed kiefer u wisq iżjed spiritwali, billi dawk li rrikorrew lejha, tathom il-grazzja li jagħmlu mewta tajba. U xhieda ta' dan, huma l-kwantità jvura ta' wegħdi li jidhru mdendlin madwar il-kwadru tagħha.

*Mill-ktieb ta' P. Lawrenz M. Sammut O.Carm, Is-Santwarju tal-Karmnu, 1952.*



Il-Kwadru tal-Morda fis-Sagristija fil-Festa


# GEORGE ZAMMIT & SONS

## RELIGIOUS ARTICLES DEALER

**Open from Monday to Saturday**
**from 9.30 to 12.00**

**71, Old Mint Street,**
**Valletta**

**105 Main Str**
**Żebbuġ**
**Tel: 640902**